

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1142/2008**tat-13 ta' Novembru 2008****li jikkonċerna l-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda meħmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-merkanzija msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-merkanzija.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanizja deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li tagħrif tariffarju li jorbot u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li hu marbut mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li hi mnizzza fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju li jorbot maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhux f'konformità ma' dan ir-Regolament jista' jkompli jiġi invokat għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Id-deskrizzjoni tal-merkanzija	Il-klassifika (il-kodiċi tan-NM)	Ir-raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Kejbil, twil bejn wieħed u ieħor 250 ċm, tat-tip li jintuża biss ma' magna tal-logħob tal-vidjow/tal-kompjuter li taqa' taħt l-intestatura 9504.</p> <p>Il-kejbil huwa mgħammar b'konnettur wieħed iddiżinjat b'mod speċifiku għall-magna tal-logħob tal-vidjow/tal-kompjuter fuq naħa waħda u b'ħames konnetturi sabiex jitqabba ma' monitor jew ma' sett tat-televiżjoni min-naħa l-oħra.</p> <p>Id-dejta tista' tiġi ttrasferita mill-magna tal-logħob tal-vidjow/tal-kompjuter għall-monitor jew għas-sett tat-televiżjoni permezz tal-kejbil u tista', skont il-kontenut, tiġi vviżwalizzata bħala logħba tal-vidjow/tal-kompjuter, vidjow jew immaġni fissa jew riprodotta bħala ħoss.</p>	8544 42 90	<p>Il-klassifika hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali nri 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 8544, 8544 42 u 8544 42 90.</p> <p>Il-klassifika taħt l-intestatura 9504 bħala aċċessorju tal-magna tal-logħob tal-vidjow/tal-kompjuter hija eskluża, minħabba li l-intestatura 8544 tipprovdi l-iktar deskrizzjoni speċifika li tirreferi għall-kejbils u għal kondutturijiet elettriċi oħra.</p> <p>Il-prodott għandu għalhekk jiġi klassifikat taħt il-kodiċi NM 8544 42 90 bħala konduttur elettriku mwaħħal bil-konnetters.</p>